# It-Titular tal-Madonna ta' Loreto fil-Knisja l-Qadima

**minn Vince Caruana M.A. (Visual Arts) Florence**

## Il-Wasla tat-Titular f'Għajnsielem

Fl-istess jum li sar it-tberik tal-knisja ż-żgħira (magħrufa aktar bħala l-knisja l-qadima), nhar id-9 ta' Settembru, 1820, il-kwadru tat-titular tagħha tniżżel sollenament mill-knisja tan-Nadur għall-knisja t'Għajnsielem. F'din il-festa il-kwadru tal-Madonna ta' Loreto, xogħol tal-pittur Mikiel Busuttil, ġie mqiegħed fuq l-altar maġġur tal-knisja tan-Nadur f'lejlet il-festa tal-Vitorja.



L-għada tal-Vitorja kmieni fil-għodu, il-kapillan Scasciato, flimkien mal-kleru tiegħu, il-fratellanza tar-Ružarju u folla numeruża tal-pubbliku, ingabru fil-knisja tan-Nadur u minn hemm ħarġu b'purċissjoni bil-kwadru tal-Madonna ta' Loreto għall-knisja t'Għajnsielem. Wara l-wasla tal-purċissjoni, Indri Xuereb, mgħejjun minn nies oħra tar-raħal poġġa f'postu l-kwadru titulari.

Il-kwadru msemmi għadu hemm bħala t-titular tal-knisja, u li wieħed għadu jista' jammira sal-lum.

## Il-Pittur Mikiel Busuttil (1750-1828)

Mikiel Busuttil twieled iż-Żejtun fis-sena 1750. Kien bin Klement u Roża Magro, it-tnejn miż-Żejtun u tawh l-ismijiet ta' Joseph, Mikiel Archangelus u Bartholomeus. Kienu jaħsbu li Busuttil kien Għawdxi, pero f'arkivji instab li kien twieled iż-Żejtun. Huwa trabba l-Belt Valletta fil-Parocca ta' San Pawl flimkien ma' ħutu. Peress li wera minn ċkunitu tendenza għat-tpingija, intbagħat jistudja taħt il-pittur Malti Rokku Buhagiar. Aktar tard, Busuttil flimkien ma' aljiev ieħor, Giuseppe Grech, komplew l-istudji tagħhom f'Ruma fl-Accademia di San Luca. Huwa rebaħ diversi unuri fosthom żewġ kompetizzjonijiet prestiġjużi. Ġie l-ewwel darbtejn f'kompetizzjonijiet tad-disinn: għat-tpinġija tal-istatwa ta' Antinoo, u għal pittura tal-figura umana.

It-tagħlim li ħa f'Ruma kien ibbażat fuq l-istil Neo-Klassiku. Aktar tard meta rritorna lejn il-gżejjer Maltin f'xi żmien qabel l-1791, Busuttill stabilixxa ruħu għall-pittura sagra. Kien fetaħ ukoll skola privata għat-tagħlim tad-disinn fil-Belt Valletta. Fl-1 ta' Novembru 1800, ġie mogħti l-inkarigu uffiċjali biex imexxi skola bħala l-professur tat-tpinġija bil-paga nominali ta' £30 fis-sena. Minħabba l-pesta, Busuttil flimkien mal-familja tiegħu sabu kenn fid-dar li kellu f'Għawdex. F'Għawdex kellu għadd ġmielu ta' proprjeta' li xi ħaġa minnha kienet f'Għajnsielem.

Il-pittur Busuttil miet fil-Belt Valletta fl-1828 u ġie midfun fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu.

## It-Titular tal-Madonna ta' Loreto



Fost l-opri ta' pittura li ħalla Mikiel Busuttil kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, insibu t-titular tal-knisja l-qadima, li tpitter fid-dar tiegħu fit-triq ta' wara San Franġisk, fir-Rabat, Għawdex. Probabilment dan kien wieħed mill-aħħar pitturi ta' Busuttil għall-aħħar tal-1819. Wieħed jista' jinnota minn dan il-kwadru li Busuttil kien diġa beda jbati b'għajnejh.

Dan il-kwadru taż-żejt impitter fuq it-tila, juri l-figura tal-Madonna ta' Loreto bil-Bambin f'idejha u bil-qamar taħt riglejha, simbolu tal-purita'. Fuq in-naħa tax-xellug, qrib il-figura tal-Madonna, tinsab ukoll id-Dar Imqaddsa tagħha, miżmuma mill-anġli. Fuq ras il-Madonna jidhru żewġ anġli oħra, iżommu l-kuruna regali, simbolu tar-regalita' tal-Madonna. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru nsibu tlett personaġġi oħra. Fuq quddiem naraw lil żewġha Ġużeppi, u fl-isfond jidhru l-ġenituri tal-Madonna Anna u Ġwakkin. Ta' min jinnota li dawn il-personaġġi jiffurmaw kompożizzjoni triangulari. Din l-istruttura tal-kompożizzjoni fiha sinifikat kemm spiritwali, kif ukoll astetiku. Fl-aktar post ċentrali tal-pittura, naraw lil Madonna tħares lejn binha filwaqt li t-tarbija qegħda tħares dirett lejn l-ispettatur. Dan jissimbolizża li Alla bagħat lil Ibnu f'din id-dinja bħala medjatur, tema komuni li kienet tintuża fi seklu 15. Wieħed mill-aktar esponenti magħrufa għal dan is-suġġett kien Giovanni Bellini (c.1460).

L-istil pittorresk li fuqu Busuttil ibbaża l-inkwadru tiegħu huwa kkaratterizżat minn sfond fejn id-dettalji huma minimi, b'dija li tixgħel il-personaġġi prinċipali, dawk tal-Madonna u l-Bambin. Għalkemm m'hemmx xi skema partikolari ta' kuluri li jiddominaw dan it-titular, jikkontrastaw ferm il-kuluri aħmar u blu tal-Madonna, li bihom l-artist jirnexxilu jagħmel l-enfasi fuq is-suġġett.

Dan il-kwadru tlesta nhar Santa Marija tal-1820 kif insibu miktub fit-tarf tal-mant tal-Madonna. Dan ġie jiswa mitejn skud li ġew imħallsa minn Indri Xuereb, li kien il-prokuratur tal-knisja.

## Il-Qagħda preżenti

Għaddew 187 sena mit-tlestija tat-titular u l-kundizzjoni ta' dan l-inkwadru mhiex waħda żagħżugħa. Hija ħasra li din il-biċċa xogħol li taf il-bidu tal-paroċċa tagħna, ma tinsabx f'kundizzjoni li wieħed jista' jfaħħar. Għandha tinghatha aktar attenzzjoni lil diversi fatturi li qed jagħmlu ħsara lil dan it-titular bħad-dawl dirett li dieħel mill-kopla, xi brix u trabijiet li nġabru matul s-snin, b'mod partikolari barxa prominenti li tinsab 'il fuq fit-tarf ta' dan l-inkwadru. Biex nikkonservaw il-ħajja ta' dan it-titular, jeħtieġ li jsir restawr delikat, partikolari u professjonali. Huwa essenzjali li jkun hemm kuxjenza dwar l-importanza u l-ħarsien ta' dan it-titular flimkien mal-pitturi l-oħra ta' Calì li nsibu fl-istess knisja. Dawn kollha jiffurmaw parti mill-wirt kulturali prezzjuż li jkompli jżejjen lil Għajnsielem.



Referenzi:


Mario Buhagiar (1987), The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Paintings, pp.158-160

Kan. Ġużeppi Zerafa (1989), Ġrajjiet il-Paroċċa t'Għajnsielem, pp. 6-8

Ġuże' Attard Tabone (xxxx), Michele Busuttil: Żmienu u l-Patrimonju Artistiku li Hallielna